**Il-kliem**

Il-kliem bħall-pinnur
Idur fejn irid,
Ikisser, ifarrak
Rasu tal-ħadid.

Malajr jilgħabha
Ta' mħallef qalil,
Imbagħad fil-prova
Jaħrab mis-salib.

Il-kliem ipinġi
Id-dinja tal-ħolm,
Juri l'hu bravu
Jilgħabha t'omm.

Kemm jibdel rotot
Kollox hu f'idejh,
Imma fil-ħajja
Kemm jgħatti għajnejh.

Mill-kliem għall-fatti
Abbiss kbir jinsab,
Iskot u indem
Hekk qalbek tirtab.

Il-ħajja tgħaddi
Kollox għal ġol-wiċċ,
U quddiem Alla
Ir-realtà tfiġġ.

Nużaw bil-għaqal
Il-qawwa tal-kliem,
Ħa jsir bosta ġid
U ngħixu bis-sliem.

Patri Mario Attard OFM Cap
5 ta' Ġunju 2025

Ibierkek Alla li jista kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.